Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 203/20/F

Christian Giordmaina

vs

SP Techniques Limited

Illum, 3 ta' Lulju 2023

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-28 ta' Diċembru 2020;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata nhar il-21 ta' Jannar 2021;

Sema' x-xhieda tal-partijiet bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-Rikorrent jindika s-somma ta' €750.00 bħala valur, liema somma hija rappreżentanti l-prezz ta' bieb tal-gallarija tal-PVC li huwa ordna mingħand l-azjenda intimata. Fl-istess Avviż iżda, ir-Rikorrent jispeċifika ukoll li **"preferibbilment nitlob li tiġi mibdula din il-bieba *sliding*"** iżda jikkwalifika li jekk għal xi raġuni dan ma jistax isir, jikkuntenta b'kumpens fis-somma ta' €750.00.

Illi permezz tar-Risposta tagħha, l-azjenda intimata eċċepiet illi hija ma għandha tagħti xejn lir-Rikorrent u dan għaliex il-bieb in kwistjoni ma kellu l-ebda ħsara preżenti meta ġie fornit u installat mill-istess azjenda intimata.

Sussidjarjament targumenta ukoll li ladarba ir-Rikorrent kien preżenti waqt il-konsenja u l-installazzjoni tal-bieb, li kieku dan verament kellu xi difett, kien missu attira l-attenzjoni tal-azjenda intimata f'dak il-mument. Tkompli tisħaq li bil-fatt li r-Rikorrent ħallas għall-ordni kollha, allura inkluż għall-bieb in kwistjoni, huwa kkonferma li kien kuntent bil-prodott.

Illi fix-xhieda tiegħu bil-ġurament, ir-Rikorrenti spjega li wara xi ġimgħat minn meta kien twaħħal il-bieb in kwistjoni fl-appartament li huwa għandu f'Għawdex, kien induna li dan kellu tlett toqbiet fuq in-naħa ta' barra tal-gwarniċa li jidher li kienu ġew mimlija jew stukkjati b'xi materjali li l-kulur kien ivarja kemmxejn mill-kulur tal-kumplament tal-gwarniċa. Jgħid li meta kien qed jiġi nstallat il-bieb, kien laħaq dalam tant li l-ħaddiema kellhom jużaw it-*torch* tal-*mobile* biex jaraw jaħdmu. Jikkummenta li hekk kif lestew, il-ħaddiema tal-azjenda intimata lanqas biss indenjaw jiċċekkjaw ix-xogħol minħabba li kien sar il-ħin u "kellhom ġenn biex jilħqu l-vapur" biex jinżlu lura Malta. Minħabba li ma kienx għadu induna bid-difetti fil-bieb, huma kien laħaq ħallas lill-azjenda intimata tal-ordni kollha iżda jtenni li kien intebaħ bil-problema, kien pront iressaq l-ilment tiegħu. Żied jgħid li ġie rinfaċċjat bi skużi "tad-daħk" minn naħa tal-azjenda intimata bħal li għamel xi intervent hu jew li saħansitra daħlulu terzi persuni fil-gallarija u messew il-bieb huma.

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-Rikorrent jargumenta li ma kien jagħmel l-ebda sens li jagħmel xi interventi fuq il-bieb hu jew li jinkariga terzi meta fil-fatt il-bieb kien għadu kopert bil-garanzija mill-azjenda intimata.

Illi fl-affidavit tiegħu, Gordon Calleja in rappreżentanza tal-azjenda intimata jtenni li fl-istess jum tal-installazzjoni u ċioè is-17 ta' Settembru 2020 fid-21:34hrs, ir-Rikorrent kien bagħat *email* b'ritratti tal-aperturi kollha tal-PVC li kienu ġew installati dakinhar ai fini ta' applikazzjoni għall-iskema ta' sussidju tar-REWS. Minn dawn ir-ritratti, l-ebda difetti fil-bieb in kwistjoni ma huma perċepibbli. Ikompli jgħid li fit-12 ta' Ottubru 2020 huwa attenda personalment fil-fond tar-Rikorrent u kien "ra għall-ewwel darba xi toqob fil-bieb in kwistjoni" u kien ħadilhom ritratt.

Illi b'referenza għar-ritratt li jsemmi Gordon Calleja, li ġie eżebit in atti, it-Tribunal jikkummenta illi filwaqt li huwa ra dan ir-Ritratt, huwa evidenti li dan għandu *resolution* baxxa ħafna u mhux possibbli li wieħed jislet ċertu dettalji żgħar bħal varjanza ta' kuluri minnu. Huwa bil-wisq probabbli li din hija r-

raġuni għalfejn f'dan ir-ritratt ma jidhrux id-difetti in kwistjoni u li allura, ħadd ma kien induna bid-difetti a bażi ta' dan ir-ritratt.

Illi l-verżjonijiet rispettivi tal-Partijiet f'din il-vertenza huwa dijametrikament opposti għal xulxin. Il-Qrati taghna jghallmu li "il-konflitti ta' provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant" (***Farrugia vs Farrugia***, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966, Vol XXXVI, P.I, p.319). Fis-sentenza fl-ismijiet ***Adam Bugeja vs Charles Falzon et***, (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 23 ta' Ottubru 2013), il-Qorti tghid li "fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi , il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."

Illi wara li qies u evalwa l-provi kollha prodotti mill-Partijiet, it-Tribunal iqis li fuq bażi ta' probabbilitajiet, il-verżjoni tar-Rikorrent hija dik l-aktar attendibbli u verosimili.

Illi fl-Avviż tat-Talba ppreżentat minnu, ir-Rikorrent indika li r-rimedju li jħoss li huwa l-aktar idoneju huwa li l-bieb in kwistjoni jiġi sostitwit. In tema, l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*;

Illi jirriżulta għalhekk li dak li qed jitlob ir-Rikorrent jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tiegħu bħala Konsumatur.

Illi t-Tribunal iqis li li r-Rikorrent irnexxielu jipprova l-każ tiegħu skont il-liġi.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Deċċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiddikjara li l-bieb in kwistjoni huwa afflitt minn difetti ossija nuqqas ta' konformità, jordna lill-azjenda intimata sabiex fi żmien xahrejn minn notifika lilha ta' din is-sentenza, tibdel kompletament a spejjeż tagħha il-ġwarniċa difettuża mill-bieb mertu ta' dawn il-proċeduri.

L-ispejjeż kollha jkunu a karigu tal-azjenda intimata.

Avv. Mattia Felice
Arbitru